MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 7/2008

**Mary Bonavia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra l-appell.
>
> Ra r-rosposta.
>
> Ikkunsidera:

> Peress illi --ma huwiex ekwivalenti ghal --- allura l-appellanti ma tikwalifikax bhala l-armla ta' Gaetano Bonavia.
>
> L-appell ma jistax jintlaqa'.
>
> Ghalhekk l-appell qed jigi michud."

L-ilment tar-rikorrenti Mary Bonavia fil-konfront ta' din is-sentenza ta' l-Arbitru hu wiehed prettament procedurali u jikkonsisti mis-sottomissjoni illi l-istess sentenza appellata tippekka minn motivazzjoni. Sussisdjarjament, l-appellanti tillanja wkoll mill-mertu tas-sentenza li cahditilha l-gravam sottopost kontra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li ddikjaratha mhux eligibbli ghall-Pensjoni tar-Romol;

Hi ligi li ghalbiex sentenza tkun tiswa din ghandha tikkontjeni bhala wahda mir-rekwiziti formali taghha "r-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha" (Artikolu 218, Kapitolu 12). Jikkonsegwi minn dan illi l-poter diskrezzjonali li ghandu kull gudikant jew awtorita` aggudikanti jinkontra limitazzjoni in vista ta' dak l-obbligu impost fuqu mil-ligi pozittiva li joffri s-sodisfazzjoni, anke jekk mhux necessarjament fid-dettal, tar-raguni li tkun waslitu ghad-decizjoni tieghu. Dan, ukoll, fi process kwazi-gudizzjarju;

Ta' min jissottolineja f'dan l-istess kuntest illi lanqas ma tilhaq il-mira tal-predett rekwizit dik id-decizjoni li tkun tikkontjeni motivazzjoni merament apparenti, ossija li tkun intrinsikament inidoneja biex wiehed jippercepixxi minnha r-raguni li tkun ghab-bazi ta' l-istess decizjoni. Dan qed jigi rilevat in raguni ghal konsiderazzjoni illi l-motivazzjoni suppost hi intiza li sservi biex tindika b'mod intelligibbli r-ragonament attestanti l-fatt li jezistu elementi probatorji idoneji, jew motivi ta' dritt, li jiggustifikaw l-konvinciment raggunt;

Fil-kaz prezenti l-kwestjoni li kellu quddiemu l-Arbitru ghall-gudizzju tieghu kienet dik jekk l-appellanti kienetx intitolata ghall-Pensjoni tar-Romol kif hekk pretiz minnha jew, invece, kelliex tigi sostenuta t-tezi tad-Direttur appellat illi gjaladarba t-tieni zwieg ta’ l-appellanti ma’ Thomas Giordmaina spicca f’divorzju, u mhux ukoll annullat, hi ma setghetx titqies bhala l-armla ta’ l-ewwel ragel taghha Gaetan Bonavia. Id-definizzjoni ta’ din il-kwestjoni kienet tiddependi minn konsiderazzjoni u ragunament ta’ aspett legali applikat ghar-rizultanzi ta’ dawk il-fatti partikulari;

Mill-mod ta’ redazzjoni taghha s-sentenza kkontestata, lampantement, tikkontjeni deficjenza tal-kriterju logiku da parti ta’ l-Arbitru fil-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Kull ma fiha hi c-cahda lakonika tal-gravam sottopost lilu mill-appellanti minghajr ebda dikjarazzjoni razzjonali li ssostni dik il-konkluzjoni tieghu. Minnha, mhux biss hu difficli, izda kwazi ghal kollox impossibbli, li wiehed jasal ghall-individwazzjoni tar-*ratio decidendi*. Jista’ facilment jinghad illi l-parti decizorja tas-sentenza ma ssib ebda sussidju mill-konsiderandi taghha. La tikkjarixxi u lanqas tispjega l-import tad-dispositiv. Minn imkien ma jista’ jigi riskontrat minnha x’kienu l-elementi principali, ta’ fatt u ta’ dritt, li l-Arbitru ha in konsiderazzjoni fid-deliberazzjoni tieghu;

Jinzel minn dan illi s-sentenza impunjata hi affetta minn nullita assoluta in kwantu priva minn esposizzjoni fattwali u guridika u dan jiddelegittima s-sussistenza taghha. Il-Qorti dan irravvizatu fi skorta ta’ decizjonijiet taghha fuq appelli devoluti lilha minn sentenzi ta’ qrati, bordijiet u tribunali diversi, bl-ahhar wahda dik fuq appell tad-Direttur fil-kaz fl-ismijiet “**Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta Socjali**” pronunzjata fid-9 ta’ Jannar, 2009, ghal liema konsiderazzjonijiet zvolti fiha ssir riferenza u l-Qorti tapplikahom *mutatis mutandis* ghal kaz prezenti. Raggunta din il-konkluzjoni l-aggravju mill-mertu

ser jithalla impregudikat ghall-ezami kif jixraq mill-Arbitru li lilu l-atti ser ikollhom jigu rinvijati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell lilha sottomess bl-ewwel aggravju, tirrevoka d-decizjoni appellata in kwantu nulla u bla effett fil-ligi. Tibghat l-atti lura lill-Arbitru biex dan jikkunsidra l-mertu tal-kwestjoni quddiemu u jiddefiniha b'decizjoni motivata skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------